**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 16 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 944/02 JB**

**Edward u Nathalie konjugi Zammit**

**vs**

**Josef Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm308.25c (tlett mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi rizultanti minn incident awtomobilistiku li gara' fit-2 ta' Novembru 2001 gewwa Mill Street, Qormi. L-konvenut bil-vettura tieghu Vauxhall Nova bin-numru ta' registrazzjoni GAQ 279, investa l-vettura ta' l-attrici numru ta' registrazzjoni GAB 047 kif ahjar jirrizulta mill-'front to rear accident report' liema kollizjoni sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza u

non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut.

Illi interpellat ghall-hlas diversi drabi u dana anki b’ittri tat-3 ta’ Jannar 2002, tas-6 ta’ Frar 2002 u tas-6 ta’ Marzu 2002, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk saret din il-kawza.

Ra n-nota tal-amisjoni pprezentata fis-6 ta’ Mejju 2002 li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talba tal-atturi.

It-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici kif anessi ghas-somma ta’ Lm308.25c (tlett mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu), bl-ispejjez skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**